MALTA

# CIVIL COURT
# FIRST HALL

## THE HON. MR. JUSTICE
## JOSEPH AZZOPARDI

Sitting of the 3 rd June, 2013

Citation Number. 248/2013

**Emanuel Zammit u Esther Zammit**

**-vs-**

**Victor Zammit u Oreste Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat fit-13 ta' Marzu 2013 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-esponenti huma ko-propjetarji tal-fond bin-numru 3, Our Saviour Lane, Sliema;

Illi l-intimati qed jokkupaw dan il-fond mingħajr ebda titolu validu skont il-liġi;

Illi l-intimati ġew interpellati f'diversi okkażjonijiet biex jivvakaw dan il-fond iżda dawn baqgħu bl-okkupazzjoni tagħhom mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Illi l-intimati m'għandhom eċċezzjonijiet xi jressqu;

Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni opportuna:

1. Tiddikjara li l-intimati qed jokkupaw dan il-fond mingħajr ebda titolu validu skont il-liġi;

2. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża b'dispensa mis-smiegħ u dan *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet tal-Malta;

3. Tordna lill-konvenuti intimati jiżgumbraw mill-fond 3, Our Saviour Lane, Sliema.

Bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti nklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 23/2013 li minn issa qed jiġu nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jkunu preżenti għas-seduti tal-lum;

Semgħet lill-attur;

Peress li t-talba attriċi tirriżulta fondata;

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attriċi;**

**Għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------